

# IL-MISSJONI IEBSA TAL-PROFETA ELIJA. (1)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Wieħed mill-profeti kbar u li ħalla nfluss qawwi mhux biss fuq il-kittieba tat-Testment il-Qadim imma wkoll fuq dawk tal-Ġdid, huwa l-profeta Elija it-Tisbi. Isem Elija li jfisser "Alla tiegħi huwa Jahweh" jidher għal mija u tlettax-il darba. Ta' min iżid ukoll li isem dan il-profeta fost il-personaġġi tat-Testment il-Qadim huwa l-aktar imsemmi fit-Testment il-Ġdid.



Dan huwa wieħed minn dawk il-profeti li ma kitbu xejn: difatti ma hemm ebda ktieb tal-profeta Elija. Biss il-missjoni tiegħu, is-sejħa tiegħu, it-tagħlim li huwa għallem il-kumbattiment li kellu mar-reġina Ġeżabel, is-sejħa li Elija għamel lil siehbu Eliżew, dawn jinsabu reġistrati fl-ewwel u fit-tieni ktieb tas-Slaten. Iż-żewġ personaġġi prinċipali li magħhom tant tħabat u ssielet Elija kienu s-sultan Aħab u martu l-pagana Ġeżabel. Din tal-aħħar pagana ġejja minn pajjiż li ma kien jaf xejn dwar it-twemmin, il-festi u jum is-Sibt tal-Lhud.

## L-imġiba ġewwenija ta' Elija

Hemm erba' waqtiet u aspetti ta' kif Elija għex l-imġiba tiegħu minn ġewwa meta ġie wiċċ imb wiċċ mal-iebes. L-ewwel, Elija fil-qadi tal-missjoni profetika tiegħu ma beża' minn ebda awtorità umana. Għalhekk kien iħossu ħafna u ħafna ħieles li jċanfar lis-sultan Aħab; anzi fl-Istorja tas-Salvazzjoni, Elija huwa dak il-profeta mill-aqwa biex iwiddeb lis-sultan. Il-profeta tan-nar (Sir 48,1).

U biex nifhmu aktar l-ambjent ikrah u pagan li fih għex Elija huwa sewwa li nikteb dak li tgħidilna l-Kelma ta' Alla: "Iżda l-għemil ħażin ta' Aħab bin Għomri lill-Mulej xejn ma għoġbu: għamel agħar minn dawk kollha li kien hemm qablu. Xejn ma kien iqisha bi kbira li jagħmel huwa wkoll id-dnubiet li kien waqa' fihom Ġerobogħam bin Nebat: iżżewweġ lil Ġeżabel bint Etbagħal, sultan tal-poplu ta' Sidon u wasal biex ta qima lil Bagħal u adurah. Lil dan għamillu wkoll artal fit-tempju li bnielu f'Samarija" (1 Slat 16,29-32).

Quddiem din l-idolatrija qawwija Elija tkellem tassew iebes mas-sultan: "Elija minn Tisbi ta' Gilgħad, qal

lil Aħab: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla ta' Israel, li jien inservi quddiemu, ma jkunx hemm dawn is-snin la nida u lanqas xita, jekk mhux meta nitkellem jien." ( 1 Slat 17,1).

Donnu Elija ried ifisser hekk; intom fittixtu li l-art tagħkom tkun għammiela billi poġġejtu l-allat pagani, iżda l-art se tibqa' niexfa. Din kienet l-ewwel azzjoni qawwija ta' Elija li jwassal il-kastigi ta' Alla.

It-tieni theddida ġrat ħafna żmien wara meta mill-ġdid Elija iltaqa' mas-sultan. "Hekk kif Aħab ra lil Elija qallu: Inti r-rovina ta' Israel". Elija wieġbu: "Jien ir-rovina ta' Israel! iżda pjuttost int flimkien mal-familja tiegħek, u dan għaliex intom abbandunajtu l-kmandamenti ta' Alla u qegħdin timxu fuq dawk ta' Baal! Ħaffef, qed namarlek iġbor lil Israel fuq il-muntanja tal-Karmelu int flimkien ma erba' mitt profeta ta' Baal u erba' mitt profeta ta' Asera, li dawn jieklu minn fuq il-mejda ta' Ġeżabel" ( 1 Slat 18,17-19).

It-tielet darba fejn niltaqgħu ma' Elija iċanfar bil-qawwa kollha s-sultan huwa l-kuntest tal-għalqa ta' Nabot. Mart Aħab biex tisraq l-għalqa tad-dwieli waslet biex qaltlu biex iqum u jiekol għaliex hija Ġeżragħel kienet se tagħtih l-għalqa tad-dwieli naturalment bl-inġustizzi kollha meħtieġa. Iżda meta ġara dan, l-Mulej nebbaħ lil Elija, dan mar u ltaqa' ma' Aħab u venvinlu sajjetta li ħarqitu: "Fejn il-klieb laqgħu demm Nabot, hemm il-klieb jilagħqu demmek ukoll……U kompla Elija: "Fuq is-swar ta' Ġeżragħel lil Ġeżabel għad jikluha l-klieb" (1 Slat 21,19-20; 23).

F'din l-okkażjoni ħareġ għad-dawl kemm il-profeta ħadha bil-qawwa kontra l-inġustizzji soċjali u dan għamlu mingħajr ebda biża' ta' xejn u rispett uman.

Ir-raba' ċanfira ta' Elija din id-darba tmur għand is-sultan Aħażija, iben Aħab. Dan Aħażija mar jistaqsi lil Bagħal-żebub alla ta' Għekron biex isir jaf jekk hux se jfiq jew le mill-marda tiegħu. "U Elija qallu: 'Dan jgħid il-Mulej: Int bgħatt messaġġier jistaqi lil Bagħal-żebub, alla ta' Għekron bħallikieku ma kienx hemm Alla f'Israel biex tistaqsuh kelmtu; għalhekk il-mitraħ li nxħett fuqu ma tinżilx minnu għax se tmut żgur'. U Aħażija miet skont il-kelma tal-Mulej li qal lil Elija" (2 Slat 1,16-17a).

Din il-kwalità ta' fiduċja tmur kollha kontra l-ewwel kmandament.

## Osservazzjoni

Il-fatt li Elija kien iqis lilu nnifsu bħala l-qaddej fidil, ġenwin u leali ta' Jahweh allura huwa akkwista dak il-kuraġġ li ma ħalliehx jiskot. Hekk Elija sar imsemmi



għall-kuraġġ, ħila u qawwa matul iż-żmien kollu li ġie wara waqt il-missjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, Ġwanni l-Battista dejjem minħabba l-fatt li ċanfar is-sultan Erodi dwar il-pożizzjoni xejn f'postha tiegħu, jiġi mxebbah ukoll ma' Elija.(Mk 6 ,14-15).

Sant'Ambroġ wieħed mid-dutturi tal-punent jiddedika ħafna mill-kitbiet ta' riflessjoni dwar dawn l-imsemmija episodji ta' Elija. U dan ġara għaliex Ambroġ sab lilu nnifsu f'sitwazzjonijiet jixbhu lil dawk ta' Elija. Ambroġ jikteb li ċ-ċanfir lis-sultan Aħab huwa ta' eżempju tassew utli u meħtieġ; infatti fejn hemm ħtijiet gravi "jidher li l-qassis ma għandux jiskot milli jikkoreġi permezz ta' ċanfira ġusta". Wieħed hawn sewwa li jiftakar fil-parabbola ta' "l-Għani u Lażżru" (Lq 16,19-31) speċjalment v 27.




L-għani qatt ma ikkoreġa lil ħames ħutu u kien qed jiddisjaċih.

## Elija għex is-solitudni spiritwali

Il-profeta Elija ma beżax fuq il-muntanja tal-Karmelu fejn ġabar lil Israel kollu flimkien mal-profeti foloz. F'dak il-waqt Elija għajjat: "Jien bqajt waħdi, bħala l-profeta tal-Mulej, waqt li l-profeti ta' Bagħal jgħoddu erba' mija u ħamsin (1 Slat 18,22).

Lanqas ma għandu jkollna biża' mis-solitudni. Ta' sikwit aħna naħsbu li meta nkunu waħidna nkunu niżbaljaw, nkunu nissieltu kontra l-imtieħen tar-riħ, u li l-opinjoni pubblika għandha raġun. Biss fir-realtà meta hemm l-għarfien profond ta' Alla u tal-volontà tiegħu, s-solitudni mhix tqila!

Matul dawn il-waqtiet ta' solitudni Elija ma beżax. Sant' Ambroġ għandu erba' kummenti tassew sbieħ għal dawk li jgħixu fil-preżenza ta' Alla. Ambroġ jitlaq mill-vers ta' Luqa 4,25 fejn jikteb li "s-sema dam magħluq tlitt snin u sitt xhur".

Ambroġ ifisser hekk: (a) Għal dawk perfidi kien bil-lejl, imma għal Elija kien hemm id-dawl, (b) Għal dawk ta' qalbhom iebsa , s-sema kien magħluq imma għal Elija s-sema kien miftuħ. (c) Għal dawk suppervi, kien hemm il-karestija u għaks, imma għall-profeta kien hemm l-abbundanza. (d) Elija ma seta' qatt jieħdu l-ġuħ, għaliex kienu jiġu mis-sema u jaqduh fl-ikel iċ-ċawl, u dan għaliex Elija kien magħqud mal-Mulej. (e) Mela fl-istess dlam il-ġust huwa dawl għalih stess.

Kull min qiegħed jgħix fil-preżenza ta' Alla dan għandu dawl intern u ma jibżax mid-dlamijiet Għal Elija din "il-għaqda" ma tikkonsistix f'xi mument ta' pjetà jew ta' kult! Dan huwa stat ta' ħajja li Elija fassalha u mmodellaha grazzi għar-rispett mimli mħabba lejn il-Mulej Alla li huwa għażel biex iservih u jaqdih bil-qalb tiegħu kollha, bir-ruħ kollha u bil-menti tiegħu kollha. L-atteġġjament ta' Elija huwa wieħed sħiħ ta' adorazzjoni u ta' offerta tiegħu nnifsu 'l Alla, ta' riverenza u dedikazzjoni, jiġifieri ta' għotja sħiħa. Elija kellu fl-intimità tiegħu dak l-atteġġjament fundamentali tal-bniedem li jipprattika x-Shema Israel (Dt 6,4-7).

Adura lill-Mulej Alla tiegħek u lilu biss aqdi. Dan huwa

l-atteġġjament reliġjuż fl-ogħla grad. Wieħed għalhekk irid li Alla jkun l-ewwel wieħed li jiġi adurat u moqdi: Li tkun dispost li tisma' biss lilu; taqdih b'imħabba ġeneruża, u dan isir fil-kult u fil-liturġija u fit-tagħlim. Dan l-atteġġjament interjuri kien jinsab fil-milja tiegħu fl-intimu tal-profeta Elija.

## Iż-żelu ta' Elija

Mimli kif kien bl-imħabba lejn Alla ta' missirijietu, il-profeta Elija kellu żelu mhux komuni biex ixandar u juri li hemm Alla wieħed biss! Din il-ħeġġa kienet waħda mis-sinjali – kariżmi – li kellu Elija, u kien għalhekk li ġie meħud is-sema fuq karru tan-nar. "Jien mimli ħeġġa għall-Mulej tal-eżerċti" wieġeb Elija fuq il-Ħoreb (cf 1 Slat 19,10.14)

U dan iż-żelu li kellu l-profeta, wasslu biex xandar li Alla huwa wieħed, monoteizmu, għallem li wieħed għandu jafda biss u dejjem fih u mhux f'allat bla sens u fuq kollox insista bil-kbir kemm hija ħaġa kera l-inġustizzja soċjali u l-aktar meta din issir mal-fqir, mal-marid, mal-armla u ma min hu debboli. Dan kollu wasslu Elija mingħajr biża' ta' ħadd u ta' xejn. Il-ktieb ta' Bin Sirak ikompli isaħħaħ u jissiġilla din il-verità tal-ħeġġa tal-profeta: "Mbagħad qam qisu nar Elija, il-profeta u kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa" (48,1).



*Elija profeta*